21997D0710(11)

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT ŻEE

Nru 12/97

ta' l-14 ta' Marzu 1997

li temenda l-Anness XIV (Kompetizzjoni) li jinsab mal-Ftehim ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif aġġustat bil-Protokoll li Jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, hawnhekk iżjed 'l quddiem imsejjaħil-Ftehim, u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi l-Anness XIV li jinsab mal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt ŻEE Nru 65/96 tas-27 ta' Novembru 1996 ([1]);

Billi Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2349/84 u r-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 556/89 huma inklużi fl-Anness XIV li jinsab mal-Ftehim;

Billi r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 240/96 tal-31 ta' Jannar 1996 dwar l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 85(3) tat-Trattat għal ċerti kategoriji ta' ftehim ta' trasferiment ta' teknoloġija ([2]) jissostitwixxi r-Regolamenti (KEE) Nri. 2349/84 u 556/89 b'regolament waħdieni;

Billi r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 240/96 għandu għalhekk jiġi inkorporat fil-Ftehim u l-kapitoli relevanti u l-punti tal-Anness XIV jiġu hekk emendati,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

Artikolu 1

l-Anness XIV li jinsab mal-Ftehim għandu jiġi emendat kif speċifikat hawn taħt:

1. Fil-Kapitolu, it-Titolu "Ftehim dwar liċenzar ta' patenti għandu jiġi mibdul bi 'Ftehim ta' trasferiment ta' teknoloġija.'."

2. It-test tal-punt 5 għandu jiġi mibdul b'dan li ġej:

"**396 R 0240**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 240/96 tal-31 ta' Jannar 1996 dwar l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 85(3) tat-Trattat għal ċerti kategoriji ta' patti ta' ftehim ta' trasferiment ta' teknoloġija (ĠU L 31, tad-9.2.1996, p. 2).

Id-dispożizzjonijiet tar-Regolament għandhom, għall-finijiet tal-Ftehim, jinqarw bl-adattamenti li ġejjin:

(a) Fl-Artikolu 1(4) l-espressjoni 'l-Istati Membri' għandha taqra 'l-Istati Membri tal-KE jew tal-Istati EFTA';

(b) fl-Artikolu 4(1), il-frażi 'bil-kondizzjoni li l-patti ta' ftehim inkwiatjoni jiġu notifikati lill-Kummissjoni skond id-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 1, 2 u 3 tar-Regolament (KE) Nru 3385/94 u li l-Kummissjoni ma topponix għal dik l-eżenzjoni fi żmien perjodu ta' erba' xhur għandha taqra "bil-kondizzjoni li l-patti ta' ftehim in kwistjoni jiġu notifikati lill-Kummissjoni tal-KE jew lill-Awtorità ta' Sorveljanza EFTA skond l-Artikoli 1,2 u 3 tar-Regolament (KE) Nru 3385/94, u li d-dispożizzjonijiet li jikkorrispondu maħsuba fil-Protokoll 21 għall-Ftehim ŻEE u l-Kapitolu III tal-Protokoll 4 għall-Ftehim dwar l-Istabbiliment ta' Awtoirità ta' Sorveljanza u Qorti tal-Ġustizzja, u li l-awtorità kompetenti ta' sorveljanza ma topponix għal dik l-eżenzjoni fi żmien perjodu ta' erba' xhur."'

(ċ) Fl-Artikolu 4(3), il-frażi 'skond l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 3385/94' għandha taqra 'skond l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 3385/94, u d-dispożizzjonijiet li jikkorrispondu maħsuba fil-Protokoll għall-Ftehim ŻEE u l-Kapitolu III tal-Protokoll 4 għall-Ftehim li Jistabbilixxi Awtorità ta' Sorveljanza u Qorti tal-Ġustizzja.';

([1]) ĠU L 71, tat-13.3.1997, p. 38.
([2]) ĠU L 31, tad-9.2.1996, p. 2.

(d) Fl-Artikolu 4(5), it-tieni sentenza għandha tiġi mibdula b'dan li ġej:

'Hija għandha topponi l-eżenzjoni jekk tirċievi talba biex tagħmel dan minn Stat li jaqa' fil-kompetenza tagħha fi żmien xahrejn mit-trasmissjoni lill-Istati tan-notifikazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 jew tal-komunikazzjoni msemmija fil-paragrafu 4.';

(e) Fl-Artikolu 4(6) it-tieni sentenza għandha tiġi mibdula b'dan li ġej:

'Madankollu, fejn l-opposizzjoni tqajjmet fuq it-talba ta' Stat li jaqa' fil-kompetenza tagħha u din it-talba tiġi sostnuta, din tista' tiġi rtirata biss wara konsultazzjoni mal-Kumitat tagħha ta' Konsulenza dwar Prattiċi Restrittivi u Pożizzjoni Dominanti.';

(f) Dan li ġej għandu jiżdied fl-aħħar tal-Artikolu 4(9):

', jew id-dispożizzjonijiet li jikkorrispondu fil-Protokoll 21 għall-Ftehim ŻEE u l-Kapitolu II tal-Protokoll 4 għall-Ftehim dwar l-Istabbiliment ta' Awtorità ta' Sorveljanza u Qorti tal-Ġustizzja.';

(g) Fl-Artikolu 7, fil-paragrafu introduttorju, il-fraži 'skond l-Artikolu 7 tar-Regolament Nru 19/65/EEC' għandha taqra ' jew fuq l-inizjattiva proprja tagħha jew fuq it-talba ta' awtorità oħra ta' sorveljanza jew ta' Stat li jaqa' fil-kompetenza tagħha jew ta' persuni naturali jew ġuridiċi li jiddikjaraw interess leġittimu';

(h) Il-paragrafu li ġej għandu jiżdied fl-aħħar tal-Artikolu 7:

'L-awtorità kompetenti tista' f'dawk il-każi toħroġ deċiżjoni skond l-Artikoli 6 u 8 tar-Regolament (KEE) Nru 17/62, dwar id-dispożizzjonijiet li jikkorrispondu fil-Protokoll 21 għall-Ftehim ŻEE u l-Kapitolu II tal-Protokoll 4 għall-Ftehim dwar l-Istabbiliment ta' Awtorità ta' Sorveljanza u Qorti tal-Ġustizzja, mingħajr ma tkun meħtieġa notifikazzjoni minn qabel';

(i) Fl-Artikolu 10(13), l-espressjoni 'l-Istati Membri' għandha taqra 'l-Istati Membri KE jew Stat EFTA.'"

3. Fil-Kapitolu F, it-Titolu "Patti ta' ftehim dwar liċenzar ta' teknika u t-test tal-punt 9 (Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 556/89) għandhom jitħassru."

Artikolu 2

It-testi tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 240/96 fil-lingwi Islandiża u Norveġiża, li huma annessi mal-verżjonijiet rispettivi tal-lingwa ta' din id-Deċiżjoni, huma awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-1 ta' April 1997, kemm-il darba li n-notifikazzjonijiet kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ikunu intgħamlu lill-Kumitat Konġunt ŻEE. Hija għandha tgħodd mill-1 ta' April 1996. L-Istati individwali EFTA jistgħu jippreskrivu miżuri transitorji għall-perjodu bejn l-1 ta' Jannar 1996 u d-data tal-adozzjoni sal-limitu meħtieġ għal raġunijiet kostituzzjonali.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppublikata fit-Taqsima ŻEE ta', u fis-Suppliment ŻEE ta', l-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Magħmula fi Brussel, fl-14 ta' Marzu 1997.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

C. DAY